## EPIGRAMMI

Il-Banda tat-tieġ tar-raħal.

*Iżfnu għarajjes, agħmlu ta' bir-ruħkom*
*li d-daqq sabiħ u mhux qisu tal-landa,*
*u jalla l-armonija ta' bejnietkom*
*tkun ftit aħjar minn dik ta' bejn il-banda.*

⁂ ⁂ ⁂

## IL-HAMIEM

*Dejjem bajda w beċċun, jisraq mart sieħbu,*
*ibarqam u jiġġieled mingħajr tmiem;*
*u ntant araħ b'fergħa żebbuġa f'ħalqu*
*għaddej itir ħabbar ta' safa w sliem.*

⁂ ⁂ ⁂

## DUN SPIR

*Bir-riga tal-kuxjenza Dun Spir sewwa*
*mar kejjel lil kull min talbu jkejjillu;*
*'mma meta kien ikejjel lilu nnifsu*
*kien iġebbidha ftit sa fejn jaqbillu.*

⁂ ⁂ ⁂

## IL-VAPUR

*Għadda l-vapur u qanqal tranja kbira,*
*li bandlet il-qxur kollha kull fejn tmur;*
*'mma meta jgħib fil-bogħod u tmut it-tranja,*
*min ser jiftakar iżjed fil-vapur?*

ANTON BUTTIGIEG.

## LILL-MUŻA

*Tini mill-ilma li mill-blat jissaffa;*
*Id-diwi, jmewweġ ħelu, tat-tqattir fl-għadajjar;*
*Is-sema roża fin, taħt bews ix-xemx, mistħija;*
*U l-ħajja tal-widien tal-iġbla hielsa u x-xmajjar.*

*Nisker irrid fil-għana li minn sidrek*
*Firex fuq ħsiebi star ta' ħolma bnina;*
*Bħal meta Iben Vienna mill-ħlewwa tad-Danubju*
*Xorob, siker hu u ried 'ilkoll jisqina.*

*Nixxennaq ta' sikwit għal leħnek bla ma nista'*
*Darba biss narak jew inħaddnek ġo dirgħajja;*
*Darba biss mill-għasel ta' xofftejk nitrejjaq,*
*Jew noħlom miegħek tul iż-żmien qasir tal-ħajja.*

*Imma ta' sikwit inħossok tersaq ħdejja,*
*U nħossni bħal nixxaħxaħ f'ħolma ta' tgawdija;*
*Bewstek taħraq taħraq tnissilli ġewwa qalbi*
*Holqa ġdida ta' mħabbitna, iċ-ċkejkna Poeżija.*

15/11/50. G. B. CASSAR.